MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Numru. 255/2009

Il-Pulizija
(Sup Sandro Zarb)
vs
Michael Azzopardi, iben Paul, imwieled ir-Rabat, Malta fit-3 ta’ Novembru, 1958, Karta ta’ l-Identita numru 730558(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fix-xhur ta’ qabel is-17 ta’ Frar, 2007 f’dawn il-Gżejjer, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih inniffsu jew għal ħabbieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;
2. talli sar reċidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-27 ta’ Marzu, 2006 u sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta’ Jannar, 2007 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi, tordna wkoll l-iskwalifika miz-zamma jew kisba għal dak iż-żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, ta' kull liċenzja, permess jew awtorita' relattiva skont l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat hu importatur reġistrat biex ibiegħ l-armi.

Illi il-liġi 'l ġdida dwar l-armi tat il-fakulta' lill-importatur biex jibda jimporta armi, bħal per ezempju pistoli, li qabel ma setgħux jiġu mportati.  Il-liġi speċifikat li l-persuni li jixtru dawn it-tip ta' armi għandhom isegwu kors li bih jiffamiljarizzaw ruħhom mal-arma.  Il-liġi titkellem li l-kollezzjonisti jew it-'target shooters' għandhom ikollhom il-liċenzja A jew liċenzja B maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet numru ta’ persuni li taw ix-xhieda tagħhom dwar dan il-kors li kellhom jagħmlu. Dawn ix-xhieda kollha xtraw jew kienu ser jixtru l-armi mingħand l-imputat. Kollha xehdu li l-imputat qallhom li kellhom jimlew sensiela ta’ formuli. Dawn għandhom jiġu prezentati lill-pulizija biex eventwalment tinħareġ il-liċenzja relativa.

Illi l-applikant li jrid liċenzja tal-armi in kwistjoni għandu jipprezenta dokument ta’ rakkomandazzjoni maħruġa mill-Malta Shooting Sport Federation li l-applikant segwa kors ta’ taħriġ fis-sigurta tal-armi.

Illi mix-xhieda tal-klijenti ta’ l-imputat jirrizulta li xi wħud marru personalment il-Bidnija għand il-Malta Shooting Sport Federation u hemmhekk ħallew il-karti u wara marru jiġbruhom. Oħrajn xehdu li l-imputat kien talabhom is-somma ta’ Lm3 biex isiru membri u kien l-imputat stess li ġab il-karti li l-klijenti ħadu lill-pulizija.

Illi jirrizulta wkoll li l-persuni li xehdu kollha għamlu l-kors mitlub wara li l-pulizija bdiet tinvestiga l-fatt li dawn il-persuni ma kienu għamlu ebda kors.

Illi minn analizi tad-dokumenti eżebiti u speċifikament mill-formula bl’intestatura “Subject: Application for a new License” kollha jġibu l-firma ta’ ċertu Grezzju Agius u ta’ ċertu Rennie Grech. Dawn iż-żewġ persuni ma ntalbu joffru x-xhieda tagħhom.

Illi hu ċar li l-imputat kien qed jistrieħ fuq dan iċ-ċertifikat maħruġ mill-Malta Shooting Sport Federation iżda hu ma kellu ebda kontroll fuq l-istess ċertifikat.

Illi min imkien ma jirrizulta li l-imputat kiseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih b'dan id-dokument. Għall-imputat id-dokument li ħarġet il-Federazzjoni kien tajjeb u kienu l-klijenti stess li ħadu dawn id-dokumenti lill-pulizija biex jiġu proċessati. Ma tirrizulta ebda prova li tista' twassal għal sejbien ta' ħtija.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------